# ŻERO

Luigi Ballerini

addattat għall-Malti minn
John A. Bonello

merlin

# ŻERO

DLAM ĊAPPA. MHUX BĦAL TAS-SOLTU.

Ma kellix ħjiel ta' kemm kien ilni hemm, wieqaf.

Inħasset eternità.

Ma kont qed nieħu gost xejn. Id-dlam kien qawwi wisq. Fil-fatt qatt ma kont rajt dlam daqshekk sħiħ qabel dakinhar. Ġieli nqata' d-dawl għal ftit minuti, iżda l-ftit drabi li ġara hekk, inxtegħlu minnufih dwal koħol mas-saqaf. L-istess bozoz ċkejknin li jkunu mixgħulin meta nidħol norqod. U f'dawk id-drabi, Mader kienet tkellimni biex isserraħli moħħi.

Din id-darba kien differenti. Sibt ruħi fi dlam sħiħ mingħajr ebda bozoz koħol, mingħajr leħen Mader. Fi skiet kbir. Mhux għax is-skiet minnu nnifsu xi ħaġa stramba — matul il-lejl dejjem kien ikun hemm is-skiet ġewwa d-Dinja. Imma hekk, f'dik id-dalma li keffnitni, anki s-skiet inħass tqil wisq. U sa dakinhar, dlam u skiet qatt ma kienu ltaqgħu flimkien. Sa dakinhar.

Bdejt intella' u nniżżel xi stajt nagħmel. Ma kienx jagħmel sens nibqa' fejn kont, wieqaf. Kien ilni wisq nistenna. Ridt nagħmel xi ħaġa. Iddeċidejt li niċċaqlaq. Iżda ma kellix l-iċken ħjiel ta' 'l fejn se nimxi jew xi rrid nagħmel.

"Serraħ moħħok Żero, hawn jien u m'hemm ebda inkwiet —"

Ħadt ir-ruħ malli smajt leħinha. Għidt jien li kien hemm wisq skiet u li xi darba kien se jintemm. Ma setax jibqa' sejjer għal dejjem dak is-skiet.

Mela allura kien jaqbel li nistenna.

Ma kellix dubju li Mader kienet qiegħda tistinka biex tirranġa l-affarijiet. Fi ftit ħin, kollox kien se jerġa' lura għal kif kien qabel. Jinxtegħlu d-dwal mill-ġdid, l-iscreens jieħdu l-ħajja, it-treadmill terġa' tibda ddur u jien inkun nista' nkompli t-taħriġ li kelli nwaqqaf ħesrem. Anzi, nara kif nagħmel biex nagħmel tajjeb għall-ħin li tlift, għax ma rridx nibqa' l-art.

RAJTX KIF FL-AĦĦAR MILL-AĦĦAR ĦADET AZZJONI. AKTAR INT, TIDDUBITA MINNHA. SUPPOST TAF LI MADER MA TITILQEK QATT. DEJJEM MIEGĦEK. MINN DEJJEM, U GĦAL DEJJEM.

Hekk hu, Mader tħobbni.

"Mader, hux veru daqt jiġi lura d-dawl?"

Ħassejtni aħjar inkellimha, konxju li qiegħda taħdem biex treġġa' kollox għal kif kien, għax f'dak id-dlam ċappa xejn ma kont qed inħossni tajjeb. Bċejjeċ ġodda li ma nifhimx kienu l-qatla tiegħi. Iqabbduni l-ansjetà, u f'salt wieħed jibda ħiereġ l-għaraq minn ġbini u qalbi taqbad tħabbat bissaħħa. Nistħajjilha għadd ta' ponnijiet ġo sidri qed jimbuttaw minn ġewwa biex joħorġu. Mader taf li jiġrili hekk għax hi taf kollox. Ma nista' naħbilha xejn.

"Serraħ moħħok Żero, hawn jien u m'hemm ebda inkwiet —"

"Serraħ moħħok Żero, hawn jien u m'hemm ebda inkwiet —"

Imma għaliex baqgħet għaddejja tirrepeti l-istess kliem il-ħin kollu?

ĦALLIK MILL-MISTOQSIJIET BLA SENS. ŻOMM KALM. SMAJTHA? M'HEMM EBDA INKWIET. AFDAHA, DEJJEM ĦADET ĦSIEBEK.

"Isma' Mader, toqgħodx titmejjel bija. Taf li nieħu l-qtajja' mix-xejn. Anzi, tgerger miegħi għax tgħid li ma ħaqqnix inġib ruħi hekk, issa li sirt kważi raġel. Jekk din xi ċajta, nitolbok waqqafha għax mhi togħġobni xejn. Jekk jogħġbok —"

“Serraħ moħħok Żero, hawn jien u m’hemm ebda inkwiet —”

“Mader, din vera int?”

MIN TRIDHA TKUN? ’QAS LI M’INTX TAGĦRAF LEĦINHA. ARA VERA XI KULTANT BAĦNAN INT.

Il-biċċa kienet li leħinha kien differenti mis-soltu. Kienet qed titkellem aktar bil-mod u qisha mhix ċerta minn dak li trid tgħid. Donnha qiegħda tiekol xi ħelwa jew għandha xi darsa tuġagħha.

Darba kienu weġġgħuni snieni. Għamilt ġimgħa sħiħa nibla’ pillola darbtejn kuljum. Anzi l-uġigħ kien għadda u ma reġax tfaċċa. Biex tgħaxxaq, l-antibiotics kienu għamluli wġigħ ta’ żaqq u peress li kont il-ħin kollu ġej u sejjer il-loki ġegħluni nieħu mistura morra. Kelli neħodha bilfors biex jgħaddili u nżomm posti.

IMMA ISSA FIEX JIDĦLU L-UĠIGĦ TAS-SNIEN U L-UĠIGĦ TA’ ŻAQQ? MHUX AĦJAR TIFFOKA FUQ ID-DLAM?

“Mader, nitolbok, weġibni kif taf int. Għidli xi ħaġa differenti mhux tirrepeti dejjem l-istess ħaġa. Qed nibża’!”

XXXXXXX! X’INT TGĦAJJAT! TAF LI MHUX PERMESS TITLEF IL-KALMA. TKUN QED TURI LI MA TAFX TIKKONTROLLA LILEK INNIFSEK U DIK L-AGĦAR ĦAĠA LI TISTA’ TIĠRILEK. MA TISTAX TIDHER LI INT DGĦAJJEF. MELA MA TITGĦALLEM QATT?

Dażgur li kont naf — mhux suppost ngħajjat, jiġri x'jiġri, u lanqas nitlef il-konċentrazzjoni. Imma dak il-ħin hekk fettilli. Bdejt anki nitriegħed.

XEJN MA JONQOSNA. QED TITRIEGĦED ISSA WKOLL.

"Serraħ moħħok Żero, hawn jien u m'hemm ebda inkwiet —"

OK OK, il-qrid u t-tregħid ma kien se jiswa għalxejn. Minflok iddeċidejt li nipprova nħaddem is-sistema bil-kmand vokali.

"Dawl!"

Tajt il-kmand għal darba, tnejn, għollejt aktar leħni, imma għalxejn.

GĦAX MA TIPPRUVAX B'IDEJK? FORSI S-SISTEMA TAĊĊAPĊIP GĦADHA TAĦDEM.

Kien ħsieb tajjeb, u ma kelli xejn x'nitlef, allura ċapċapt.

Iżda lanqas hekk ma bdiet taħdem is-sistema. L-iscreens baqgħu kollha suwed. Dak id-dlam ma kien se jħallini nagħmel xejn. Kien qed jeqridni. Ridt intemmu b'xi mod, u malajr kemm jista' jkun.

"Mader, tista' tkantali xi ħaġa? Dik kieku, li togħġobni, dik li kont tkantali filgħaxija meta kont għadni żgħir u ma kontx inkun nista' norqod, jew f'dawk l-iljieli meta ġieli ħlomt ikrah."

"Serraħ moħħok Żero, hawn jien u m'hemm ebda inkwiet —"

"Serraħmoħħ... Serraħmoħħ... Serraħmoħħ..."

Le, le, is-sitwazzjoni ma kinitx tajba. Ma kienet tajba assolutament xejn. Aktar m'għadda ħin, aktar bdejt nitriegħed, u jdejja qishom bdew jiċċaqalqu minn jeddhom. Lanqas dawk is-sintomi ma kienu normali, imma xi stajt nagħmel? Ma kienx qed jirnexxili naħkem il-biża' tiegħi.

GĦANDEK RAĠUN, ASSOLUTAMENT MHUX TAJJEB HEKK.

"Serraħmoħħ... Serraħmoħħ..."

XXXX ... SMAJT BĦALI?

Mader bdiet tirrepeti biss *serraħ moħħ*.

LE MHUX GĦAL DIK QED NGĦID. IL-ĦOSS, QISU TIFQIGĦA, ĠEJ MIN-NAĦA L-OĦRA. *KLAKK* GĦAMEL.

Deherli li smajt *klakk*. Kien ħoss xott, ġej mill-kamra l-oħra. Għaddieli l-ħsieb li mmur nara x'hemm. Iżda fl-istess ħin, ħsieb ieħor waqqafni. U jekk dak kollu kien test ta' Mader biex tara għandix kuraġġ jew nibżax minn delli?

IFHEM, XI NAQRA TIBŻA' MINN DELLEK ...

Kont naf li jien beżżiegħ, u forsi anke hi kienet taf insomma ... iżda dak kien ċans biex negħleb il-biża', u ma ridtx noħroġ ta' ġifa.

Tellajt u niżżilt, u fl-aħħar għamilt biżżejjed

kuraġġ biex immur nara. Jekk dak kien tassew test, ridt nagħmel minn kollox biex ngħaddi minnu. F'dak id-dlam ċappa, l-ewwel ma ridt nagħmel kien li niftakar kif kienu mqassmin l-affarijiet fil-gym. Inżilt bil-mod minn fuq it-treadmill. Xħin inqata' d-dawl waqfet f'salt u kienet għoddha ħallietni tal-post. Kont qed nittama biss li Mader tapprezza l-fatt li rnexxieli nżomm fuq saqajja. Ħaqqni punt għalhekk biss.

Tant kont ansjuż li jdejja kienu donnhom weħlu mal-magna, bħal meta jaqbadni l-bugħawwieġ wara li nkun sfurzajt ħafna fit-taħriġ u s-swaba' bilkemm inkun nista' nċaqlaqhom.

ĦAA, TKUN SFURZAJT ĦAFNA ... U AJMA, XI DRABI TAPARSI TKUN QIEGĦED TITĦARREĠ! VERA TAĦSEB LI MADER MA TKUNX QED TINTEBAĦ?

Ma kienx il-waqt għal ċertu tfettiq. U fuq kollox, jien naf kemm kienu juġgħuni l-muskoli wara t-taħriġ. L-aktar billejl, meta ġieli saqajja ma kontx inkun nista' nwaqqafhom u jibdew jiċċaqalqu minn jeddhom ġos-sodda bla waqfien.

Tifkiriet li dak il-ħin kienu ta' xkiel. La rnexxieli ninżel minn fuq it-treadmill, kien imiss li mmur infittex il-bieb. Kont naf li ridt infittex eżatt wara l-magna fejn nagħmel it-taħriġ tal-muskoli tas-sider

u tal-idejn — l-aktar muskoli li jien mitlub inħarreġ, għax nużahom il-ħin kollu. Li kien għalija, nagħmel biss taħriġ fuq żaqqi, biex inkabbar l-abs għax dawk jogħġbuni l-aktar.

Kbirt sew f'dawn l-aħħar ftit xhur, u mhux mittul biss. Inftaħt ġmieli u nħossni aktar b'saħħti minn qatt qabel. Telgħatli anki naqra leħja u barbetti. Staqsejt nistax inqaxxarhom, iżda Mader qaltli li għalissa aħjar inħallihom hekk, li għadu mhux iż-żmien. Suppost għandhom juruni video fuq xi jfisser li ssir raġel. Jien li naf hu li wara s-Sinteżi, tibqa' tifel għal ftit żmien ieħor, imbagħad issir żagħżugħ u fl-aħħar nett issir raġel. Minn dal-video suppost għandi nitgħallem ħafna aktar dwar kif miż-żgħożija tgħaddi għall-irġulija. Ngħid id-dritt, diġà ppruvajt infittex waħdi, imma fuq l-iscreen telgħet *Tfittxija mhux permessa* u waqajt ħażin. M'hemmx x'tagħmel, ikolli nistenna. Jekk irrid inkun ubbidjenti, għandi nobdi f'kollox. Nispera biss li ma ddiżappuntajtx lil Mader bil-kurżità li għandi.

MHUX AĦJAR TIKKONĊENTRA NAQRA FLOK INTLIFT F'DAL-ĦSIBIJIET KOLLHA! FTAKAR LI L-GĦAN TAGĦNA HUWA LI NOĦORĠU MILL-GYM. IKKONĊENTRA!

Ma kinitx se tkun ħaġa faċli. Mingħajr ma nara fejn sejjer, kien se jkolli noħloq speċi ta' mappa

virtwali tal-post f'moħħi. Bdejt miexi.

Qabadni wġigħ kbir ġo sieqi, tant li għajjatt. X'aktarx kont ixxuttjajt xi ħadida li ħallejt mal-art qabel tlajt fuq it-treadmill.

RAJTX? KEMM-IL DARBA QALTLEK MADER BIEX L-AFFARIJIET TQEGĦEDHOM F'POSTHOM MILL-EWWEL WARA LI TUŻAHOM? DEJJEM IKOLLHA RAĠUN.

Mader dejjem kien ikollha raġun, u dak il-ħin għamilt wegħda li d-darba li jmiss nobdiha. U kont se noqgħod aktar attent ukoll.

Fl-aħħar wasalt sal-ħajt. Minn hemm 'il quddiem suppost kien se jkun eħfef ix-xogħol, għax kulma ridt nagħmel huwa li nimxi ċatt mal-ħajt sakemm insib il-bieb. Tlaqt bil-mod il-mod, navvanza dejjem naqra aktar sakemm deherli li qiegħed qrib. Jekk dak kien test, żgur kont sejjer tajjeb ħafna. Min jaf Mader kemm kienet kburija bija. Filgħaxija żgur kien se jmissni ġelat tas-soya, forsi wkoll b'xi mgħarfa ċikkulata u frak tal-ġellewż fuqu. Il-premju ta' meta nkun mort tajjeb ħafna.

Ftit waqtiet oħra u d-dwal kienu se jerġgħu jixegħlu kollha f'salt u nisma' jdejha jċapċpu u leħinha jgħidli *Bravu, għaddejt mit-test!*

"Serr... Serr... Serr... Serraħmoħħ..."

Ma kienx test faċli u bdew jaqbduni xebgħa

dwejjaq. Kont nistenna li jkun fih minn tal-anqas għaxar punti. Bdejt nikkalkula kemm navvanza jekk inżid għaxar punti ma' li kelli. Kont neħles il-livell li kont fih u nitla' għal li jmiss ...

Wasalt fil-kamra.

U f'daqqa waħda qabditni qasma pipì minn dawk li ma tkunx tista' żżomm. Dik kien jonqos.

DEJJEM GĦANDEK TAGĦMEL PIPÌ QABEL TIBDA T-TAĦRIĠ. DIK REGOLA. U BĦAS-SOLTU MA TAJTX KAS. LANQAS BISS ERSAQT LEJN IL-LOKI QABEL MORT IL-GYM. ĦAQQEK TAĦRIKA FUQ DIN.

Ħeqq imma xi stajt nagħmel, jekk qabel ma kellix bżonn? Qabadni f'salt wieħed u kien se jaqagħli l-aħħar.

M'GĦANDUX X'JAQSAM KELLEKX BŻONN JEW LE. IR-REGOLA TGĦID LI TRID TMUR IL-LOKI, U DAQSHEKK.

Il-kamra tal-banju almenu ma kinitx bogħod. Dort mal-ħajt u dħalt. Ma sibt ebda problema biex inpixxi fid-dlam. Kemm-il darba qomt nagħmel billejl u ma tantx kien ikolli dawl biex nara. Ħriġt mil-loki u fl-aħħar irnexxieli nidħol fil-kamra tas-sodda. Mal-ħajt maġenb is-sodda lmaħt qisha toqba stramba. Stajt naraha għax minnha kien dieħel dawl baxx ħafna, griż. Dik it-toqba qatt ma kont rajtha qabel. Ersaqt eqreb bil-ħsieb li nara x'hemm fiha.

LE, IEQAF. TMUR XEJN. IEQAF HAWN U STAQSI LIL MADER L-EWWEL.

Kont deċiż li nara xi nsib.

GĦIDTLEK LE!

U la għidt li se mmur, hekk għamilt. Hekk jew b'hekk, kulma kien qed jiġrili kien żgur parti mit-test. X'raġuni oħra seta' jkun hemm?

Daħħalt idi bil-mod fit-toqba. U sibt li kien hemm bieb.

Reġa' qabadni t-tregħid, imma sfurzajt u ftaħtu xorta waħda. Il-ħniena kemm kien iebes.

Almenu bid-dawl li kien dieħel minn warajh kont qed nara ftit aktar. Għaddejt minn ġot-toqba. Fejn kont spiċċajt?

FEJN SPIĊĊAJT?

Kont f'qisu kuritur dejjaq. Bozoz ċkejknin kienu qed jarmu dawl bati jagħti fil-griż. Ħarist madwari. Sibt biss ħafna wires. Wires suwed kontra wires suwed ma' kullimkien, mas-saqaf, mal-art, imwaħħlin mal-ħitan suwed.

"Serr... Serr... Serr... Serraħmoħħ..."

Leħen Mader instema' mill-ġdid, din id-darba ħafna aktar qawwi minn qatt qabel. Qabbżitni bil-ħasda. Għamilt idejja fuq widnejja. U xorta baqa' għoli żżejjed. Il-leħen irbombja u ġiegħel kollox jitriegħed

tant kemm kien b'saħħtu. Anki żaqqi bdiet titriegħed, u saħansitra qalbi li reġgħet bdiet għaddejja tħabbat u tagħti bil-ponn minn ġewwa.

MUR LURA ISSA. DAN IL-POST PERIKOLUŻ.

Dik kienet il-verità, kien post perikoluż, u għal darba għażilt li nagħti widen.

Dort ngħaġġel, imma sieqi weħlitli ġo wieħed mill-wires għaddejjin mal-art, donnhom sriep f'lejl bla qamar fis-savani Afrikani. Biex ma naqax, żammejt ma' wire ieħor u bil-piż tiegħi stess inġibed kollox 'l isfel. Kaxxa sewda waqgħet mill-għoli u għamlet ħoss itarrax meta ħabtet mal-art.

Ġo fiha kien hemm Mader!

"Serraaaa..." werżqet, qabel ma ntfiet għalkollox b'ħoss stramb, donnu *flopp* bħall-ħoss li jagħmel ... bieb jingħalaq.

Dort.

Le! Ma ridtx nemmen. Ma ridtx naħseb dak li kont qed naħseb. Ittamajt li kont qed nara ħażin. It-toqba bil-bieb li kont għadni kif għaddejt minnu ma kinitx għadha hemm. Ma stajtx nidħol lura f'kamarti.

IMWAĦĦAL HAWN!

Qattajt subgħajja nfittex mal-ħajt biex nara nsibx xi xaqq li jurini fejn kien il-bieb. Bqajt infittex, bqajt nipprova nqabbad subgħajja mal-ħajt. Fejn

kien mar, ħaqq zitu.

Għalxejn, kollox għalxejn.

Fi ftit waqtiet hemm ġew kienet se tispiċċa l-arja: il-lejl ta' qabel kumbinazzjoni kont għadni kemm rajt film fuq submarine li jibqa' mwaħħal f'qiegħ il-baħar. Il-baħrin li kien hemm ġo fih mietu kollha sal-anqas wieħed, fgati bla arja daqslikieku kienu ġrieden ġo nassa. Mietu wieħed wieħed għax ħadd ma seta' jsalvahom.

Jien ma ridtx nispiċċa fgat.

Arja. Kelli bżonn l-arja.

IPPROVA IBQA' KALM. INKELLA SE TAĦLI AKTAR OSSIĠNU. FTAKAR FIT-TAĦRIĠ TIEGĦEK. BĦALISSA TINSAB F'SITWAZZJONI T'EMERĠENZA: TRID TIEĦU NIFS BIL-MOD U MA TAĦLIX ENERĠIJA ŻEJDA. IKKONTROLLA KULL ĊAQLIQA, U ĊĊAQLAQ BISS META TAF EŻATT X'BEĦSIEBEK TAGĦMEL.

Ħadt nifs biex nikkalma, imbagħad dort bil-mod biex nara x'hemm warajja. Hemm, fit-tarf l-ieħor tal-kuritur, qalb it-taħwid kollu ta' wires, deherli li lmaħt bieb iswed. Ma kienx hemm qabel, jew forsi ma rajtux. Kellu pum twil, aħmar u b'*Emerġenza* miktuba fuqu bl-aħdar. Tiċċajta kinitx emerġenza! Imbuttajt il-pum u ħriġt. Il-bieb ingħalaq warajja b'tisbita. Il-ħoss li għamel tant kien qawwi li weġġagħli rasi.

FEJN SPIĊĊAJT?